imma fuq kollox l-aqwa fehma tiegħu hi dik li jqajjem ġibda u għożża lejn dak kollu li jagħti sura lill-ħajja Maltija.

Il-ktieb nistgħu nikkunsidrawh f'żewġ taqsimiet: fl-ewwel waħda nsibu ġrajjiet ta' karattri maħluqin mill-awtur, u fit-tieni hemm ġrajjiet li għadda minnhom hu nnifsu. Imma fil-kitbiet kollha hemm dik il-ħarira nostalġika li tintiseġ mal-ġrajjiet ta' l-awtur kif ukoll mal-praspar li jsibu ruħhom fihom il-karattri li hu joħloq. Imma l-kitbiet kollha jnisslu "dehriet sbieħ ta' ħajja Maltija" u "jgħaddu waħda wara l-oħra minn quddiem għajnejna mixħuta fuq is-snin li għaddew u li għabu".

Fl-ewwel taqsima tal-ktieb wieħed jiltaqa' ma' persunaġġi u karattri li qabel l-aħħar gwerra kienu jidhru kuljum fit-toroq tagħna, u jaqra dwar praspar u twegħir li huma kienu jsibu ruħhom fihom. "Anġla Tal-Ħelu", "Gerita", "Il-Lixandrina", "Nonz", "Tifel Tas-Suq", il-karozzier, il-kebbies tal-fanali, huma xbiehat imqaxxrin ta' nies magħrufa li kienu jagħtu sura ta' ħeġġa u bżulija lit-toroq tagħna. L-awtur mhux biss jiddeskrivi l-persunalità tagħhom iżda wkoll jikteb dwar ix-xogħol u s-snajja' tagħhom hekk li jiġbed tifkira ta' bosta "snajja' li hawn Malta aktarx inqatgħu u mietu jew qegħdin biex".

Barra dawn il-figuri popolari, l-awtur f'dan il-ktieb għandu wkoll bċejjeċ ta' studju u ta' tagħlim bħal "Għana u Daqq Malti", "Xebh Ta' Drawwiet", "Il-Kitba Fl-Albanija", "Emigrazzjoni Tal-Maltin"; hemm ukoll kitbiet dwar storja ta' pajjiżna, bħal "It-Tiġrija Tad-Dgħajjes Nhar Il-Vitorja", "Santa Marija Tal-Għawdxin" u wkoll kitbiet ta' kritika u kommenti fuq kotba dwar Malta jew il-Maltin, jew ta' interess ġenerali. Imma fuq kollox l-awtur juri ħiltu fil-kitba folkloristika. Il-qarrej jitgħaxxaq jaqra dwar drawwiet, imġibiet, xogħlijiet, ġaħġiħ u tqanċiċ li kienu jżommu lil dawk ta' qabilna medhijin fix-xogħol u fil-mistrieħ, li "jnisslu weġġħa għat-tifkira ta' dawk iż-żminijiet . . . l-imgħoddija u llum nofshom minsija . . . ta' ħwejjeġ li kienu u li qatt ma jerġgħu jiġu . . . !". L-awtur għandu ħila kbira biex bil-kitba dwar il-folklore inissel fil-qarrej "ħolma għaxxieqa ta' ħwejjeġ qodma", u juri l-fejda tal-għerf bla miktub tal-Maltin.

Imbagħad fil-ktieb hemm ukoll ħafna kitbiet dwar laqgħat u diskussjonijiet li l-awtur kellu ma' persunaġġi li ltaqa' magħhom fis-safar tiegħu. L-awtur qatta' mas-sentejn barra minn Malta jistudja u jitħarreġ dwar dak kollu li għandu x'jaqsam mal-kotba u libreriji. Minn dawn il-kitbiet wieħed jagħraf kif student Malti mimli ħeġġa u ħrara għat-tagħlim, jista' jinqeda bl-istudju tiegħu biex igħaddi 'l quddiem, biex ikattar il-għerf ta' moħħu, biex iseħħlu dak li jkun indaħal għalih, u biex jitgħallem minn ħaddieħor dak li jiswielu ta' fejda meta jarġa' lura lejn art twelidu. Dawn il-kitbiet bijografiċi huma ta' interess kbir u għad ikunu ta' siwi meta jgħaddi ż-żmien, għax minnhom wieħed jislet ħafna tagħrif fuq iż-żgħożija tas-Sur Cassar Pullicino, imma fuq kollox huma xhieda li minkejja li hu ltaqa' ma' ħafna nies u żar bosta artijiet, qatt ma nesa din l-art ħanina li tagħtu l-ħajja. "Bqajt dejjem moħħi f'Malta, il-folklore tagħna, il-kitba u l-kittieba ta' żmienna . . . "

Il-ktieb għoġobna wisq, qrajnieh mill-bidu sat-tmiem u sibna ħafna fiex nixxiegħlu. Ktieb bħal dan igħodd għall-qari fl-iskejjel għax, biex ngħidu hekk, fl-iskejjel Maltin jista' jieħu post bħal dak li dari kellu "*Il Cuore*" ta' Edmondo De Amicis, biss qabel jidħol fl-iskejjel, trid toħroġ edizzjoni oħra għax din hi nieqsa ħafna minn dak li titlob is-sengħa ta' l-istampa.

Ġ.

## TWISSIJA LILL-IMSEĦBIN

**Ikollna nwissu lill-Imsieħbin li għadhom lura fil-ħlas ta' l-abbonament illi, jekk ma jibagħtux il-ħlas minnufih lit-Teżorier, il-Ktieb ta' Diċembru m'aħniex sa nibagħtuhulhom. Ta' lanqas niffrankaw l-ispejjeż tal-Posta.**